31997D0036

17.1.1997 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 14/57

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**

**tat-18 ta' Diċembru 1996**

**li temenda d-Deċiżjoni Nru 93/196/KEE u 93/197/KEE fuq l-importazzjoni tal-*Equidae* mill-Islanda**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(97/36/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/426/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 fuq il-kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni tal-*Equidae* minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata permezz ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikulari l-Artikoli 15(a) u 16 li hemm fiha,

Billi l-awtoritajiet veterinarji fl-Islanda taw lill-Kummissjoni garanziji li ma hemmx anemija infettiva tal-*Equidae* fit-territorju tagħhom;

Billi t-test seroloġiku għal din il-marda ('Coggins test') għandu għalhekk ma jkomplix isir fuq l-importazzjoni tal-*Equidae* mill-Islanda; billi l-awtoritajiet veterinarji tal-Islanda għandhom minkejja dan jiċċertifikaw li l-Islanda hija uffiċjalment ħielsa minn din il-marda;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/196/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kondizzjoni ta' saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni tal-*Equidae* għall-qatla [2], kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni 96/279/KE [3], u d-Deċiżjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kondizzjoni ta' saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet tal-*Equidae* u l-*Equidae* għat-tnissil u l-produzzjoni [4], kif l-aħħar emendata permezz tad-Deċiżjoni 96/279/KE, għandha għalhekk tiġi emendata;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Id-Deċiżjoni 93/196/KEE hija permezz ta' din id-Deċiżjoni emendata kif ġej:

(a) fl-Anness I (III) (j), l-ewwel inċiż huwa mibdul permezz ta':

"— (i) test Coggins għall-anemija infettiva tal-*equine* [3], jew

(ii) fil-każ tal-*Equidae* li jkunu ilhom fl-Islanda mit-twelid, huwa ċertifikat li l-Islanda hija uffiċjalment ħielsa mill-anemija nfettiva tal-*equine* [3]".;

(b) fl-Anness II (III) (j), l-ewwel inċiż huwa mibdul permezz ta':

"— (i) test Coggins għall-anemija nfettiva tal-*equine* [4], jew

(ii) fil-każ tal-*Equidae* li jkunu ilhom fl-Islanda mit-twelid, huwa ċertifikat li l-Islanda hija uffiċjalment ħielsa mill-anemija nfettiva tal-equine [4]"..

(1) ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 42.
(2) ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 7.
(3) ĠU L 107, tat-30.4.1996, p. 1.
(4) ĠU L 86, tas-6.4.1993, p. 16.

2. Fid-Deċiżjoni Nru 93/197/KEE, l-Anness II (Ċertifikat tas-Saħħa A) (III) (j), l-ewwel inċiż huwa mibdul permezz ta':

"— (i) test Coggins għall-anemija nfettiva tal-equine (2), jew

(ii) fil-każ tal-*Equidae* li jkunu ilhom fl-Islanda mit-twelid, huwa ċertifikat li l-Islanda hija uffiċjalment ħielsa mill-anemija nfettiva tal-equine (2)"..

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kumissjoni*